## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V SAVIOUR SALIBA (KI. 48371M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**05/03/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lill- Saviour Saliba**
**ID.48371(M)**

**Bin Anthony u Catherine nee Buhagiar. Imwieled. Pieta.1/1/1971**
**Toqghod ; 43 `Dandalion` Triq L-erbatax ta`Dicembru 1945, Fgura**

**BILLI int akkuzat** talli fit-23/08/2022 ghall habta ta' 8.24a.m. f` fi Triq John Adye, Naxxar,

(1). Soqt vettura Nru.GCF-917 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta biex tintuza fit-triq (Sec.15(1)(a)(3) Chap.65).

(2). Soqt vettura Nru. GCF-917 minghajr ma kienet koperta b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni. (sec.3(1) Chap.104)

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien ta`mhux inqas minn tnax il xahar.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' EO 336 u ta' Stephen Cachia (b'affidavit) għal Transport Malta.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta mix-xhieda li ta *viva-voce* l-**Enforcement Officer 336** fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024 illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GCF-917. Għalkemm huwa ma kienx ċert jekk il-persuna li twaqqfet kienx l-imputat fl-awla madanakollu huwa kkonferma illi huwa kien stabbilixxa l-identita' tax-xufier meta talbu dokument ta' identifikazzjoni u qabbel ir-ritratt mal-persuna li kellu quddiemu. Mill-affidavit ta' **Stephen Cachia** rriżulta ukoll illi fid-data in kwistjoni il-vettura kienet reġistrata f'isem ċertu Darryl Camilleri u li l-liċenzja tagħha kienet skadiet fil-31 ta' Lulju 2022 u ġiet mġedda fil-25 ta' Awissu 2022, ossia jumejn wara l-allegat akkadut. L-ewwel imputazzjoni għalhekk tirriżulta ppruvata.

2. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ossia' dik dwar is-sewqan mingħajr polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskji tat-terzi hija ormai ġurisprudenza assodata tal-Qorti tal-Appell Kriminali[1] illi s-sewwieq li jkun akkużat bir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 irid jipprova illi huwa kien **personalment** kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura minnu. Jirriżulta mill-atti illi l-imputat ma ressaq l-ebda prova tal-eżistenza ta' xi polza li kienet tkoprih minkejja li l-oneru kienu fuqu li jagħmel dan ai termini tal-Art. 3(1A) tal-Kap. 104. Għalhekk din it-tieni imputazzjoni ukoll tirriżulta ppruvata.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah iħallas multa komplessiva ta'elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500). Fuq talba tal-imputat il-Qorti tawtorizza li l-multa tkun pagabbli f' għaxar (10) pagamenti mensili ugwali (Kap. 9 Art. 14(2)). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap.**

[1] Ara fost oħrajn **Il-Pulizija v. Mohamad Knaan** (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023) u **Il-Pulizija v. Xemizin McKay** (Appell Numru 423/2022 EG, 24 ta' Mejju 2023),

**104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem.**

**V.G. Axiak** | **Y.M. Pace**
**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**